# L-Isla u l-Pesta tal-1813

Bħal din is-sena żewġ sekli ilu, fl-1813, Malta kienet għaddejja minn żmien ikrah ħafna maħkuma mill-flaġell tal-pesta bubonika li kienet laħqet xtutna f'April ta' dik is-sena meta l-vapur Malti San Nikola kien ġabha miegħu minn Lixandra. L-ewwel każijiet kienu dehru fid-dar Nru. 277 fi Triq San Pawl, il-Belt, għand familja ta' wieħed skarpan jismu Salvatore Borg. Ma damux ma tfaċċaw bosta każijiet oħra, hekk li għal nofs Mejju kienu qed imutu mal-erbgħa jew ħamsa kuljum.

Mal-ewwel xamm tal-marda qerrieda, l-awtoritajiet ċivili ħadu l-passi kollha meħtieġa li kienu jafu bihom dak iż-żmien sabiex iliġġmu xi ftit il-pass meqjus tal-infezzjoni. Infetħu ċ-ċimiterji tal-infettati għad-dfin ta' min imut bil-pesta. Sar tindif ġenerali tad-djar u t-toroq biex jinqata' l-ħmieġ. Ħarġu ordnijiet stretti li kull min kellu l-iċken suspett li kien mittiefes kellu jirrapporta minnufih lill-Kummissarju tas-Saħħa. Ingħalqu l-qrati u mkejjen oħra pubbliċi biex jitnaqqas il-kuntatt bejn in-nies u ġiet ordnata kwarantina riġida bejn l-ibliet u l-irħula. Dawn l-ordnijiet ittieħdu b'serjetà l-aktar kbira hekk li f'Awwissu saħansitra ngħatat il-piena tal-mewt lil ċertu wieħed kuċċier, Toni Borg, li naqas li jirrapporta każ.

B'mod speċjali s-Sengleani ħadu r-regoli tal-kwarantina b'serjetà l-aktar kbira. Minn kmieni ħafna qatgħu assolutament kull kommunikazzjoni mal-Belt, hekk li skond J.D. Tully, kittieb kontemporanju, *for a time, even Government officers, under the seal of authority, were denied a landing by the populace of Senglea.* Dan il-punt nistgħu nikkonfermawh ukoll mir-reġistri tal-magħmudijiet tal-Parroċċa li fihom jidher li l-aħħar tarbija li ġiet mgħammda u kellha parrinijiet minn barra l-Isla kien fl-20 ta' Mejju, u li qabel is-27 ta' Diċembru (meta l-burraxka kienet għaddiet) ma kienx hemm oħra. Dan l-iżolament sewa mitqlu deheb, għax mill-ewwel beda jidher li għalkemm is-sintomi qerrieda – ħruq u ċerta nefħa (msejħa *bubo*) taħt l-abt u fl-irqiq – kienu qed jinbtu f'kull belt u f'kull raħal tal-gżira, fl-Isla, għal xi raġuni, ma kien tfaċċa xejn għajr il-każ wieħed suspettat biss u mhux konfermat ta' Marija Cassar ta' 45 Strada Crocifisso, li ħaduha l-kwarantina ta' Forti Manoel fit-13 ta' Ġunju, fejn mietet l-għada ma jafux sew b'hiex. Li ma kien hemm ebda każ ieħor jgħiduh il-kittieba serji kollha li raw b'għajnejhom u missew b'idejhom għax għexu fil-post, fosthom l-Ingliżi Tully, Hennen u Burrell, u l-Malti De Piro.

Dan il-fatt straordinarju jidher ċar mill-kotba li kitbu dawn. Jidher mir-rapport tal-*Gazzetta tal-Gvern* ta' dawk ix-xhur. Jidher minn dokumenti kontemporanji bħall-manuskritt tal-Konfraternità tal-Kunċizzjoni u mid-djarji ta' Patri Saverju Baldacchino li kien jgħix f'San Filippu, l-Isla. Jidher bl-aktar mod ċar mill-kotba



***Il-knisja tal-Isla tgħożż dawn l-imqossijiet twal tal-fidda li bihom, u biex jiġi evitat kuntatt mill-qrib, il-qassisin kienu jqarbnu lin-nies fi żmien il-pesta***



***Il-Port ta' kwarantina b'Lazzarett mibni fuq il-Forti Manoel***

tal-imwiet tal-Parroċċa fejn, b'deliberazzjoni l-aktar kbira, l-Arċipriet Dun Vinċenz Cachia ta' dak iż-żmien kien iniżżel għal kull wieħed u waħda li jidfen: "...miet(et) mingħajr ebda ħjiel ta' pesta kif jikkonferma t-tabib u, għaldaqstant, il-katavru tħalla jindifen fil-knisja Kolleġġjata Insinji u Parrokkjali". Li ma kienx il-każ, kieku d-dfin kien isir fiċ-ċimiterju tal-infettati tal-parroċċa f'Għajn Dwieli, hekk kif toħroġ mill-mina ta' Bormla.


Din l-istatwa ta' Santu Rokku, li tidher armata fil-knisja mibnija mill-ġdid, saret fl-1813 u nħadmet mill-istatwarju Senglean Karlu Duranti


Mons. Ferdinandu Mattei - l-Arċisqof fi żmien il-pesta

Huwa minnu li s-Sengleani għamlu kull ma kien umanament possibbli biex iżommu fil-bogħod il-marda qerrieda, u l-iżolament kien mezz mill-aqwa biex l-infezzjoni ma tiġrix billi l-kontaminazzjoni kienet issir mill-bergħud fuq ġrieden infettati, iżda l-isforzi tagħhom ma waqfux hemm għax ma naqsux li jerħu rwieħhom għal kollox fil-ħarsien tas-sema. Insibu li fost il-157 li tgħammdu l-Isla bejn Mejju u Diċembru ta' dik is-sena, aktar minn terz minnhom issemmew għal Santu Rokku u San Bastjan, qaddisin protetturi tal-morda bil-pesta. Din il-fiduċja fis-sema dehret mhux biss fuq livell personali, imma wkoll kollettivament. Jikteb l-Arċipriet Cachia li fil-ħamsa ta' wara nofsinhar tat-8 t'Awwissu nġabru fil-Knisja Parrokkjali, il-Kapitlu, il-Kleru, il-Logotenent tal-Gvernatur, il-Prefetti u s-Segretarji tal-konfraternitajiet kollha tal-Parroċċa u ħafna kbarat oħra flimkien mal-poplu. Quddiem is-Santissmu Sagrament espost *ad ostium tabernaculi*, wara eżortazzjoni qasira għall-penitenza vera, il-ġemgħa kollha wiegħdet sollennement:

(1) Li għal darba ssir purċissjoni bl-istatwi tal-Bambina u tar-Redentur sal-Knisja tad-Dumnikani, il-Birgu, hekk kif tieqaf il-pesta f'Malta;

(2) Li jekk il-purċissjoni tal-Bambina li ssir kull sena f'xi sena minnhom ma tistax issir fil-ġurnata tagħha minħabba l-maltemp, trid issir fl-ewwel jum possibbli li jiġi wara;

(3) Li l-purċissjoni ta' Santu Rokku li ilha ssir kull sena mill-Kleru biss fis-16 t'Awwissu sa mill-pesta tal-1676, tibda ssir il-Ħadd fl-Ottava tal-Festa tal-Qaddis mill-fratellanzi kollha u toħroġ l-istatwa tal-qaddis magħmula dik is-sena stess (tal-1813) minn Karlu Duranti mill-Isla;

(4) Li kull sena, fit-tielet Ħadd tal-Pentekoste,

issir purċissjoni bir-Redentur mill-Fratellanza tal-Kurċifiss;

(5) Li ssir quddiesa sollenni mill-Kapitlu quddiem is-Sagrament espost, kull sena fl-anniversarju tal-waqfien tal-pesta f'Malta u jitkanta t-*Te Deum*;

(6) Li s-Sodalità tal-Qassisin barra minn dan twiegħed li bi spejjeż tagħha kull sena tiċċelebra l-Ottava sħiħa tat-Twelid tal-Madonna u billi tesponi s-Sagrament il-ħin kollu li jitkantaw is-sigħat kanoniċi fl-Ottava ta' *Corpus*.

L-approvazzjoni tal-Isqof Ferdinandu Mattei għal dawn il-wegħdiet ħarġet fl-4 ta' Mejju 1814.

Ġrajja oħra interessanti li ma tantx tissemma jgħidhielna il-Patri Filippin Saverju Baldacchino fid-djarju tiegħu. Jikteb, fit-2 ta' Settembru, li kienet daħlet id-drawwa li kuljum bil-lejl ġemgħa kbira ta' Sengleani kienu bdew iduru mat-toroq tal-Isla jirreċitaw ir-Rużarju. Kienu jinbdew minn quddiem il-Vitorja għal fuq San Filippu, fejn kienu jieqfu jagħmlu adorazzjoni u viżta lis-Sagrament u jkantaw innijiet lill-Madonna. Wara kienu jissuktaw bir-reċita tar-Rużarju fi triqthom lejn il-Vitorja fejn kienu jgħidu l-Litaniji Maġġuri. Din il-purċissjoni kienet issir b'kurċifiss kbir quddiem, bl-istandard tal-Madonna u bil-fanali mixgħulin. Ikompli jgħid li l-Logotenent wissa 'l min kien inkarigat minn din il-purċissjoni biex ma jkompluhiex, għax beża' li fi żmien kritiku bħal dak, id-drawwa setgħet tinxtered fl-irħula u l-bliet l-oħra b'dannu għas-saħħa. Mid-dehra l-poplu ma tax kasu għax mhux biss baqa' jagħmel l-istess imma n-nies żdiedet. Ġew bosta kbarat, fosthom il-Kummissarju Rivajola, biex jaraw x'kienet dil-biċċa għax kienet inġemgħet folla sew wara dar il-Logotenent. Billi beżgħu li tqum xi waħda, ingħad li heddew in-nies li jdawru l-kanuni ta' Sant'Anġlu għal fuq l-Isla jekk ma jaqtgħuhiex. Imma kollox intemm b'wiċċ il-ġid meta l-poplu ra s-sens ta' li kienu qed jgħidulhom u waqqfu l-purċissjonijiet ta' bil-lejl.


Il-Kan. Dun Vinċenz Cachia (1800-1822) - l-Arċipret fi żmien il-pesta

L-Isla tabilħaqq inħelset għal kollox mill-pesta u s-Sengleani żammew il-kelma li kienu taw quddiem is-Sagrament fit-8 t'Awwissu. Il-purċissjoni għall-Knisja tad-Dumnikani saret fil-15 ta' Mejju 1814, wara l-kant tal-Għasar. Quddiem imxew il-fratellanzi, kulħadd wara l-istandard tiegħu. Warajhom imxew it-tfal tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina, u wara dawn, il-fratelli tal-Oratorju tal-Penitenza quddiem l-istatwa ta' Santu Rokku. Maġenb din l-istatwa,


Superiore elapso Anno 1813 Obierunt in hac Parecia Insignis Civitatis Senglee Adulti n° 48 Parvuli n° 72 in totum. Num: 120 — Mares 63 - Femine 57 - Qui omnes mortui sunt sine Peste, protegente Bma Virgine Maria, cujus Nativitatem peculiari cultu veneramur.

***Nota miktuba mill-Arċipriet Vinċenz Cachia fir-Reġistru tal-mejtin tal-Parroċċa - Vol. IV, paġna 244 - fejn jiddikjara li tul is-sena 1813, ħadd fl-Isla ma miet kawża tal-pesta***


L-istatwa tal-Madonna bil-Bambin li l-poplu Sengelan waqqaf f'nofs il-belt tiegħu b'radd ta' ħajr wara l-ħelsien mill-imxija tal-pesta

imxew xi rjus għolja bit-torċi mixgħula f'idejhom. Imbagħad imxew il-fratelli tal-Kurċifiss, ta' San Dimitri Martri, ta' San Ġużepp, tax-Xirka kontra d-dagħa, tas-Santissima Trinità għall-fidwa tal-ilsiera u tal-Immakulata jerfgħu l-istatwa tal-Bambina. Ħdejn din l-istatwa wkoll kien hemm it-torċi mixgħula. Imbagħad ġew il-fratelli tar-Rużarju u fl-aħħar dawk tas-Sagrament. Wara kulħadd intrefgħet l-istatwa tar-Redentur u ħdejha xi fratelli tal-Kurċifiss bit-torċi f'idejhom. Fl-aħħar kien hemm is-salib bejn żewġ akkolti bix-xemgħa mixgħula, il-Kleru, il-Kapitlu u fl-aħħarnett l-Arċipriet bil-kappa bejn djaknu u suddjaknu. Matul it-triq, kull fratellanza qalet ir-Rużarju b'devozzjoni. Malli waslu l-Birgu, sar diskors għall-okkażjoni mill-Kanonku Teologu Dun Pietru Said, oratur imfittex Ṣenglean, imbagħad il-barka Sagramentali mill-Arċipriet bil-kunsens tal-Prijur tad-Dumnikani, Patri Salvator Busuttil. Fit-tmiem, il-purċissjoni reġgħet lura l-Isla fost id-daqq tal-qniepen kollha u tkantat ir-*Regina Coeli*.

Il-wegħdiet l-oħra għadhom isiru fedelment sal-lum kull sena. Biss dan ma kienx biż-żejjed biex il-Belt *Invicta* tiftakar għal dejjem il-qawwa setgħana ta' Marija li għal darb'oħra waqfet ma' wliedha. Il-poplu Senglean ried li titwaqqaf statwa lill-Madonna f'nofs il-belt b'radd il-ħajr talli ħelsithom mill-pesta. Din hi l-Madonna tan-Nofs. Saret bit-tħabrik tal-Kanonku Ġwakkin Audibert u bil-flus tas-Senglean Salvatore de Barro. Hi xogħol l-iskultur Ċensu Dimech li naqaxha minn irħam fin ta' Karrara. Tqiegħdet sewwasew f'nofs Strada Vittoria, f'nofs l-Isla, f'salib it-toroq ma' Strada San Giuliano, minflok kolonna bl-arma tal-Gran Mastru Wignacourt li kien bena l-ġibjun ta' taħtha (fejn kienet għadha sal-1956). Tbierket mill-istess Arċipriet Cachia fid-19 ta' Mejju 1816 fost il-ferħ kbir tal-poplu wara l-kant tat-*Te Deum* u r-reċta tar-Rużarju. Issemmiet b'mod l-aktar xieraq – *Causa nostrae laetitiae* – Il-bidu tal-ferħ tagħna.

*Profs. Stanley Fiorini*


Kwadru pittura ta' Pietru Pawl Caruana li juri xena komuni fi żmien il-pesta. Il-kwadru jinsab fil-mużew Nazzjonali tal-arti